# Minuti tal-ħamsa u tmenin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Il-85 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 15 ta' Settembru 2016. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 - Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Joseph Agius. Is-Sur Norman Clews u s-Sur Nicholas Azzopardi kienu skużati.

Qabel l-approvazzjoni tal-minuti, iċ-*Chairperson* irringrazzja lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv għall-kondoljanzi u s-sogħba li esprimew għat-telfa ta' missieru.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tal-84 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Item 3 – Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar Triq il-Profs. J.G. Baldacchino u qal li jeħtieġ li f'din it-triq isir dawl ġdid fuq arbli ġodda li jeħtieġ isiru mal-ħajt tal-għelieqi.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar ix-xogħol li qiegħed isir fil-viċinanzi ta' Bonta' Confectionery u qal li t-*traffic island* il-ġdida ser tkun ta' periklu għas-sewwieqa. Is-Sur Agius qal li kien ser isir it-tibdil neċessarju biex ma jkunx hemm periklu.

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar il-*bus shelter* proposta għal Triq l-Għakrux faċċata tal-Miracle Food Stores u ssuġġerixxa li ssir talba formali lil Transport Malta sabiex isir dan il-*bus shelter*.

Is-Sur Bartolo reġa' saħaq dwar l-importanza li l-Kumitat jerġa' jitlob lil Transport Malta sabiex issir *road hump* oħra fi Triq San Leonardu.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-86 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar l-Erbgħa 19 t' Ottubru 2016.

**IFFIRMATA**

Mario Bartolo
*Chairperson*